**KUMITAT TAR-REGJUN CENTRALI**

# MINUTI

## SEDUTA Nru. 40

It-Tnejn, 16 ta' Dicembru, 2013

Il-Kumitat tar-Regjun Centrali ltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Msida, Pjazza Menqa, Msida, fil-5.30pm.

Il-President, is-Sur Peter Bonello ippresieda.

**PREZENTI**

Kienu prezenti il-President, is-Sur Peter Bonello, Sindku San Giljan, il-Vici President, is-Sur Stefan Cordina, Sindku H'Attard, is-Sur Joe Camilleri, Kunsillier il-Gzira, is-Sur Anthony Chircop, Sindku Tas-Sliema, is-Sinj. Margareth Baldacchino Cefai, Sindku Msida, is-Sur Maximillian Zammit, Sindku Ta' Xbiex, is-Sur Stephen Sultana, Sindku Sta. Venera, is-Sur Keith Tanti, Sindku Tal-Pieta` u s-Sinj. Rita Borg, Vici Sindku B'Kara.

**TALBA**

Il-President qal it-talba.

## MINUTI

Il-minuti tas-Seduta Nru. 39 li saret nhar it-Tnejn, 28 ta' Ottubru, 2013, kienu approvati unanimament.

Qabel kompliet is-Seduta, l-A. Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kumitat li d-Dipartiment tal-Gvern Lokali kien informa li dawk il-laqghat tar-Regjun li ma sarux bejn il-5.30pm u s-7.30pm ghandhom jissejjhu nulli u bla effett.

Ghaldaqstant, il-President ippropona li f'din is-seduta jigu ratifikati il-minuti kollha kkoncernati. Kien hemm qbil unanimu dwar dan u ghalhekk il-minuti kollha ta' dawn il-laghat gew ratifikati.

## AUDITED FINANCIAL STATEMENTS

Gew prezentati l-Audited financial statements tar-Regjun Centrali ghas-sena 2012 (Appendici A). Dawn diga kienu gew ipprezentati u approvati bhala Unaudited u issa kienu qed jigu prezentati bhala Audited wara xi adjustments li l-awdituri talbu li jsiru.

Il-President, issekondat mis-Sur Joe Camilleri, ressaq mozzjoni sabiex jigu approvati dawn il-Financial Statements. Il-Kumitat unanimament approva l-Audited Financial Statements ghall-perjodu li jaghlaq 31 ta' Dicembru, 2012.

## QUARTERLY FINANCIAL REPORT (JAN-SEPT '13)

L-A. Segretarju Ezekuttiv qal li l-*accountant* tar-Regjun infurmah li ma setghax jattendi ghal laqgha ta' llum u ghalhekk jekk hemm xi mistoqsijiet dwar ir-rapport (Appendici B) la ma jistghax iwegibhom hu, igib risposta ghalihom mill-*accountant* fil-laqgha li jmiss.

L-A. Seg. Ezek. qal li sa l-ahhar ta' Settembru '13, il-bilanc fil-banek tar-Regjun wara li jkunu nqatghu l-ispejjez kollha, huwa ta' madwar €600,000.

Is-Sur Keith Tanti qal li hu ma jhossx li dawn il-flus ghandhom jintefqu sabiex jinxtara post u jservi ta' ufficcju tar-Regjun. F'kaz li hu hekk, allura jahseb li l-prioritajiet huma zbaljati. Huwa talab li r-Regjun jabbanduna dan il-hsieb u l-flus imorru fi progetti ghand il-Kunsilli.

Il-President staqsa jekk kienx kuntent li r-Regjun jibqa' jhallas madwar €31,000 kera fis-sena.

Is-Sur Tanti qal li hu jkun kuntent jekk dawk il-flus jitqassmu bl-aktar mod gust ghand il-Kunsilli Lokali.

Il-President qal li ghalissa ma jistghax jaghmel dan ghax qed nistennew l-*approval* tad-Dipartiment sabiex ir-Regjun ikun jista' jhallas l-ispejjez tal-marki taz-zebgha u tal-*cash collection* tal-Kunsilli.

Is-Sur Max Zammit qal li hu jaqbel li x-xiri ta' post m'ghandux ikun priorita`.

Il-President sostna li bix-xiri tal-post, ir-Regjun jiffranka l-kirjiet.

Is-Sur Stephen Sultana qal li l-introjtu tar-Regjun huwa bis-sahha tal-Kunsilli Lokali.

F'dan l-istadju kellu jirtira s-Sur Sultana minhabba laqgha ohra li kellu.

Is-Sur Anthony Chircop qal li jkun ahjar jekk l-ewwel nistennew li tohrog il-*white paper*. Huwa qal li l-*feeling* tal-Kunsill Tas-Sliema dwar ir-Regjun huwa ta 'x'qed isir fir-Regjun u x'qed jiggwadanja l-lokal minnu.' Ghal Tas-Sliema, il-Kunsill jara l-flus li kien idahhal mis-sistema ta' l-infurzar lokali u li issa dawn waqfu. Huwa ma jahsibx li r-Regjun ghandu jkompli ghaddej bix-xiri tal-post sakemm tohrog il-*white paper*.

Ghalhekk kien hemm qbil li din id-diskussjoni tkompli wara li ssir il-laqgha mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar dawn il-materji. Ghal din il-laqgha, flimkien mal-President, urew l-interess li jattendu wkoll il-Vici President, is-Sur Joe Camilleri u s-Sur Keith Tanti.

Dwar id-dokument, is-Sur Joe Camilleri staqsa x'kienu l-affarijiet imdahhla fis-*suspense* a/c. L-A. Seg. Ezek. qal li ma kellux informazzjoni dwar dan u se jistaqsi lill-*accountant* dwar dan minhabba li mhux normali li jkun hemm cifri f'dan l-*account*.

**SCANNING TA' DOKUMENTI TA' L-LES**

Is-Sur Joe Camilleri qal li l-Kumitat Kongunt kien beda l-process ta' *scanning* u beda wkoll il-process ta' ittri bl-avukat. Huwa qal li l-process sejjer tajjeb hafna u ghalhekk jirrakkomanda li l-istess isir fir-Regjun.

Il-Vici President qal x'importanza ghandu l-*iscanning* jekk il-*hard copies* xorta trid izzommhom.

Is-Sur Anthony Chircop qal li hekk is-sistema tista' tkun aktar efficjenti.

Dwar min ser ikollu access ghas-sistema, is-Sur Joe Camilleri jahseb li barra r-Regjun anki l-Kunsilli li jiffurmaw dan ir-Regjun ghandhom ikollhom l-access.

Wara d-diskussjoni li saret kien hemm qbil li tohrog sejha ghall-offerti ghas-servizz ta' *scanning*.

**KIRI TAL-POST TAT-TRIBUNAL LOKALI**

Dwar dan, kien hemm qbil li r-Regjun jara sew il-kuntratt li hemm prezenti, specjalment jekk hemmx klawsoli dwar kemm irid jigi mgharraf minn qabel sid il-kera dwar x'ser

ikun se jaghmel ir-Regjun u wkoll jekk ikunx hemm awment fil-kera jekk din tigi mgedda.

## MISTOQSIJIET

Is-Sur Joe Camilleri qal li hu kien tkellem mac-*chairman* ta' l-ETC dwar l-iskema tal-*community work* u jekk ir-Regjun jistghax jibbenefika minnha. Ir-Regjun ghandu jaghmel talba lic-*Chairman* ghal persuna ghal kull Kunsill u sa erba' sieghat kuljum. F'dawn l-erba' sieghat dawn il-persuni jkunu qed iduru mat-toroq ta' kull lokalita` biex jaraw l-iskart hux jinhareg fil-hin u f'kaz li jsibu lil min jabbuza, jirrapurtaw lill-Kunsill. Kien hemm qbil li jsir dan ir-*request* lic-*chairman*.

Il-President qal li hu jahseb li wasal iz-zmien li r-Regjun jibda jahseb minn issa sabiex jibda jmexxi s-sistema tal-Gwardjani Lokali huwa stess. Ghalhekk issugerixxa li jinholoq sotto-kumitat sabiex din is-sistema tibda tithaddem mir-Regjun. Il-President, is-Sur Joe Camilleri, is-Sur Max Zammit, is-Sur Keith Tanti, is-Sinj. Margareth Baldacchino Cefai u s-Sur Anthony Chircop kienu interessati jahdmu dwar din il-proposta.

## KOMUNIKAZZJONI TAL-PRESIDENT

Il-President awgura l-festi t-tajba lill-membri kollha tal-Regjun u lill-familjari tagghom.

*Laqgha Annwali*
Dwar il-laqgha annwali tar-Regjun, il-Kunsill Lokali tal-Gzira kien qed joffri c-Centru tal-Komunita` sabiex fih issir il-Laghqa Annwali. Kien hemm qbil dwar dan u li din issir ghal habta ta' Frar u Marzu.

*Laqgha tal-Bord dwar l-Authorised Officer*
Kien hemm qbil li l-laqgha tal-Bord sabiex jara l-offerti ghas-servizz ta' l-Authorised Officer, issir nhar il-Hamis, 19 ta' Dicembru fin-12.30pm fis-sala tal-Kunsill ta' l-Imsida.

## APPROVAZZJONI TAL-HLASIJIET FIX-*SCHEDULE OF PAYMENTS*

Il-President, ssekondat mis-Sur Joe Camilleri ressaq mozzjoni sabiex jigi approvat il-hlas tal-pagamenti li huma mnizzla fuq ix-*Schedule of Payments* Nru. 40. Il-mozzjoni ghaddiet *nem.con*.

Minhabba li ntemm il-*maintenance agreement* tal-*photocopier* li qieghdha fl-ufficcju tat-Tribunal u giet certifikata mill-kumpannija bhal *beyond repair*, kien hemm qbil li ghalissa tinkera wahda u sadanittant jigi ppreparat it-tender ghal xiri ta' wahda gdida.

**TMIEM**

Qabel intemmet il-laqgha, l-Authorised Officer informa li ma kienx kuntent bis-servizz tas-Supretendent tal-Gwardjani Lokali. Ghalhekk talab lir-Regjun sabiex hu jkun jista' jitlob lill-kumpannija tbiddel lil din il-persuna. Ir-Regjun qabel li dan ghandu jinbidel.

Fis-7.30pm intemmet is-Seduta.

Simon Cauchi
A.Segretarju Ezekuttiv

**Konfermati:**

Peter Bonello
President